# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 752

KAZ NRU. 809

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Paul Attard

u

Oil Tanking (Malta) Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 18 ta' Ottubru 1996

Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.

## INTRODUZZJONI

Illi b'ittra datata 19 ta' Ottubru 1993, l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din il-kwistjoni tax-xoghol ghat-temm obbligatorju taghha ai termini tal-Art 28(2) Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

## PRELIMINARI

Illi fl-iStatement of Case tieghu l-appellant allega li t-tkeccija ngusta tieghu giet moghtija l-forma ta' rizenja ghax hekk gie mgieghel jaghmel.

Illi da parti taghha, s-Socjeta' Intimata allegat in-nuqqas ta' kompetenza 'rationae materiae' stante li l-appellant ma tkecciex, izda rrizenja volontarjament. Inoltre kien hati ta' serq ta' prodott, baghbas fil-hinijiet u kien projbit milli jaccedi fl-'area' tal-kumpanija mill-Malta Freeport Corporation stess.

Illi sussegwentement inghatat eccezzjoni ta' natura procedurali fis-sens illi l-ittra promotorja spedita lil Onorevoli Ministru sabiex jibda dan il-process li ta lok ghal proceduri odjerni, kienet 'fuori termine'.

PROVI

Illi l-appellant ipproduca lil Tony Zarb il-persuna li bghatitlu l-ittra, fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 1994. Skond id-dokument minnu esebit Dok. AZ 1, jirrizulta illi fis-seba' (7) linja kien indikat illi fl-14 ta' Ottubru 1993 ipprepara ittra biex tint-baghat lill-Ministeru propizju sabiex imexxi l-kaz tal-appellant odjern. Huwa spjega wkoll il-process adekwat mill-lat amministrattiv da parti taghhom.

Illi gie prodott Francis Abela - Administrative Mail Officer mal-General Post Office illum Posta Ltd - li xehed illi l-ittra giet bit-timbru mill-Ministeru fit-18 ta' Ottubru 1993. F'dan is-sens xehed ukoll Louis Camilleri Executive Officer fil-Ministeru li

xehed fis-seduta tas-26 ta' Novembru 1993 u l-21 ta' Dicembru, 1993. Dan esebixxa Dok. LC 1. Dana spjega l-procedura adoperata fil-Ministeru. Dan xehed illi l-istess Ministeru, rcieva l-ittra 'de quo' fit-18 ta' Ottubru 1993.

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan it-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex l-appellant halla daqshekk ghall-ahhar sabiex jippromwovi l-kaz tieghu. Huma x'in-huma r-ragunijiet tieghu, li dan it-Tribunal mhux se jidhol fihom, l-ebda mpjegat li jrid jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali ma ghandu jipperikola d-drittijiet tieghu b'dan il-mod hekk skjett.

Illi l-Art 28(3) tal-Kap 266 jistipula :-

"Fil-kazijiet fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta, kull avviz jew talba li hemm riferenza ghalihom fis-sub artikolu ta' qabel dan, ghandhom isiru lill-Ministru mhux aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data effettiva tat-tkeccija."

Apparti l-fatt jekk rizenja tammontax ghal tkeccija ngusta. Pero' jibqa' l-fatt li l-appellant naqas li jaghmel it-talba tieghu fiz-zmien preskritt mill-Ligi. Hawnhekk non si tratta ta' perjodu ta' preskrizzjoni li jista' jigi interott u/jew sospiz. Dan huwa

terminu ta' dekadenza kif regolarment gie sostenut minn dan it-Tribunal. Jirrizulta li l-ittra intbaghtet u giet ricevuta mill-Ministeru fit-18 ta' Ottubru 1993.

Dan it-Tribunal ma jistax ma jammirax l-impenn u l-isforz 'ad oltranza' tal-konsulent ta' l-appellant. Pero' ghandha tinghata forza lit-tezi ppruvata tas-socjeta' intimata.

KONKLUZJONI

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi t-talba ta' l-appellant ma saritx fi zmien preskritt mill-Ligi u ghalhekk ma jistax jiehu konjizzjoni taghha u fl-istess hin jichad it-talba tieghu.

Ghal fini ta' tassazzjoni, it-Tribunal jiffissa d-drittijiet tal-konsulenti fis-somma ta' erbghin lira maltin (Lm40).

Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.
CHAIRMAN

George Attard
SEGRETARJU

mrg